MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2014

Numru. 1244/2012

**Il-Pulizija**

**(Spettur Carlos Cordina)**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**SIMON CAMILLERI**

**(ID 0453166M)**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **SIMON CAMILLERI**, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 453166(M) gie akkuzat:

1. Talli nhar it-18 ta' Novembru 2012 gewwa Mellieha, ghal habta tad-disgha ta' filghodu (09.00hrs), fi Triq il-Madonna Tal-Ghar ikkommetta serq ta' katina ta' kulur isfar u kif ukoll ta' pendent (salib) ta' kulur isfar minn fuq il-persuna ta' Vittoria Muscat ta' 79 sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu tal-istess persuna Vittoria Muscat karta ta' l-identita' nru. 617433M jew persuna/i ohra;

2. Talli nhar it-18 ta' Novembru 2012 gewwa Mellieha, ghal habta tad-disgha ta' filghodu (09.00hrs), fi Triq il-Madonna Tal-Ghar ikkommetta serq ta' katina ta' kulur isfar u kif ukoll ta' pendent (salib) ta' kulur isfar minn fuq il-persuna ta' Giuseppa Muscat ta' 82 sena, liema serq huwa aggravat bil-vjolenza, bil-mezz u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) ghad-dannu ta' l-istess persuna Giuseppa Muscat karta ta' l-identita' nru. 494830M jew persuna/i ohra;

3. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Vittoria Muscat u Giuseppa Muscat biza li ser tintuza vjolenza kontra taghhom, meta kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkaguna biza;

4. Talli assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni f'Malta bil-ghan li jaghmlu delitt/i f' Malta li ghalihom hemm il-piena ta' prigunerija, u li ma kienux delitti taht l-Att dwar l-istampa;

5. Talli f'Malta xjentament laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta jew, xjentament, b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;

   Finalment l-imputat Simon Camilleri gie akkuzat bi ksur tal-*bail* li dina l-Onorabbli Qorti, preseduta mill-Magistrat Dr. M. Mallia LL.D harget fil-konfront ta' Simon Camilleri detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0453166M;

Il-Qorti giet mitluba li tirrevoka l-helsien mill-arrest ta' l-imsemmi Simon Camilleri u tordna l-arrest mill-gdid ta' l-imsemmi imputat kif ukoll tordna li s-somma ta'  (elf ewro) €1,000 tghaddi favur il-Gvern ta' Malta.

U aktar talli kiser il-kundizzjonijiet tal-liberta' provizorja imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Michael Mallia LL.D, u dan waqt li kien mehlus mill-arrest taht garanzija personali ta' elfejn euro (€2,000) u dan bi ksur ta' l-**Artikolu 579(2)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija, flimkien mal-piena applikabbli ghall-imsemmi reat, tirrevoka *'contrario imperio'* d-digriet tal-helsien mill-arrest mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr Michael Mallia LL.D u tordna l-arrest mill-gdid ta' Simon Camilleri. Kif ukoll, li tordna li somma ta' flus bhala garanzija personali, li gew imposti fuqu sabiex jaghmlu tajjeb ghall-beneficcju tal-helsien mill-arrest jghaddu favur il-Gvern ta' Malta kif stipulata fl-**artikolu 579(3)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U akkuzat talli rrenda ruhu recediv b'diversi Sentenzi tal-Qorti li issa saru definittivi u ma jistawx jinbidlu Art. 49, 50, 289 tal-Kap 9.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom estratt mill-att tat-twelid tal-imputat u fedina penali tal-imputat.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif preseduta flimkien ma' numru ikbar ta' kawzi b'digriet ta' assenjazzjoni tal-Prim'Imhallef datat 21 ta' April 2014.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar id-9 ta' Ottubru 2014 (fol. 221) sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat illi fl-ezami li sar nhar it-28 ta' Novembru, 2014 (fol. 226) l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

**Francis Farrugia** xehed fl-10 ta' Dicembru 2012 fejn iddikjara li huwa ghandu kamra tal-banju b'apertura fuq barra u minnha ra zewg nisa xjuh nizlin u ragel liebes nuccali kbir u beritta sa fuq nofs mohhu niezel it-tarag warajhom, ra karozza u sema' twerziqa. Stqarr li jiftakar li dan l-incident sehh f'Novembru u kien il-Hadd filghodu izda pero' ma jiftakarx il-gurnata ezatt. Jghid ukoll illi ghalkemm ra l-persuna, huwa ma huwiex f'posizzjoni li jgharfu.

**Damien Ciappara** xehed fl-10 ta' Dicembru 2012 fejn iddikjara li huwa kien qieghed fil-pjazza t'isfel tal-Mellieha, fejn il-hanut, u sema' l-istorbju u hareg u sab zewg anzjani u qalulu li xi hadd kien ghadu kif hadilhom xi dehebijiet. Prova jara hemmx xi hadd u tela' jigri sal-pjazza u sab tfajla u guvni. Qal lit-tfajla li jisimha Amanda, li kienu ghadhom kif serqu lil zewgt ixjuh u hija qaltlu "*dahlu jigru go din il-karozza u telqu jigru*". Qaltlu li l-karozza kienet ta' ghamla Volkswagen sewda izda pero' ma tafx in-*number plate* taghha. Mistoqsi jekk jgharafx lil xi hadd li kien qieghed gewwa l-Awla, huwa gharaf l-imputat. Rigward id-data qal li ma jiftakarx meta kien, izda kien xi darba f' Novembru filghodu.

**Amanda Tonna** xehdet fl-10 ta' Dicembru 2012 fejn qalet li l-incident in kwistjoni sehh filghodu u kienet sejra l-quddies u kif waslet fil-pjazza tal-Mellieha rat karozza pparkjata u mbaghad rat ragel tiela mit-tarag ta' mal-genb u rikeb gol-karozza. Wara tela' ragel, Damien Ciappara li saqsiha jekk ratx lil xi hadd tiela' mit-tarag u diehel gol-karozza u hija wiegbet iva u hadet in-numru tan-number plate u tatulu. Ix-xhud qalet li l-vettura kienet Golf sewda li kellha daqqa fuq in-naha tax-xellug fejn il-fanal ta' quddiem u ma kienitx vettura li s-soltu tkun f'dawk l-inhawi. Ix-xhud qalet li minghaliha n-*number plate* kienet EAU 336. Hija qalet li dik il-persuna li hija rat diehla gol-karozza kien tiela' t-tarag u tela' ghal fejn il-karozza tieghu fejn dak il-hin ma

kienx hemm nies. Mistoqsija jekk taghrafx lil dik il-persuna, indikat lill-imputat fl-awla. Mistoqsija in kontro-ezami x'ratu jaghmel hija wiegbet illi hija ratu biss diehel gol-karozza xejn aktar.

**Stephen Cachia** xehed in rappresentanza tat-Transport Malta fis-16 ta' Jannar 2013 fejn mir-ricerka tieghu rrizulta illi l-vettura EAU 336 li hija Volkswagen Golf sewda u hija registrata fuq Simon Camilleri detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 453166M u ilha hekk irregistrata mit-18 ta' Settembru, 2012.

**Victoria Muscat** fis-16 ta' Jannar 2013 xehdet illi fit-18 ta' Novembru 2012 gewwa l-Mellieha kienet niezla t-tarag u x'hin waslet f'nofs it-tarag gie ragel u hatfilha l-gizirana b'kurcifiss tad-deheb minn ghonqha. L-istess ragel ghamel l-istess haga lil ohtha li kienet maghha u cioe' hatfilha l-gizirana minn ghonqha li kienet tiswa xi mija u hamsin Lira Maltija u kienet inxtrat xi tmien snin qabel. Hija qalet li kien liebes xi haga bajda u wiccu kien mikxuf. Mistoqsija jekk taghrfux fl-awla hija ndikat persuna li kien fost l-udjenza fil-Qorti. Ziedet ukoll li l-incident sehh ghad-disgha u kwart wara li spiccat il-quddies u marret tixtri l-gazzetta u kienet niezla t-tarag.

**Giuseppa Muscat** fis-16 ta' Jannar 2013 xehdet illi fit-18 ta' Novembru 2012 fid-disgha u kwart kienet flimkien ma' ohtha u kienu niezlin it-tarag u tfacca bniedem u hatfilha l-gizirana tad-deheb b'kurcifiss minn ghonqha. Huwa ghamel l-istess lill-ohtha wkoll. Hija kienet ilha li xtratha madwar tnax (12) jew erbatax-il sena (14) qabel u kienet hallset madwar tlett mitt Lira Maltin (LM300). Ix-xhud qalet li hija ghandha 83 sena u timxi bil-mod, u tghid li dak inhar tal-incident f'daqqa wahda kienet semghet lil ohtha tghajjat li serqulha

l-gizirana u ezatti wara l-istess persuna hataf il-gizirana taghha minn ghonqha. Mistoqsija jekk taghrafx lill-persuna li serqilha l-gizirana x-xhud indikat persuna li kien hdejn zona fejn kien hemm l-avukati.

**L-Ispettur Carlos Cordina** xehed fl-20 ta' Frar, 2013 fejn iddikjara li fit-18 ta' Novembru, 2012 gie assenjat sabiex jinvestiga kaz li sehh fid-9.00a.m. li sehh il-Mellieha fejn kien jinvolvi serq ta' gizirajjen tad-deheb minn fuq zewg anzjani Victoria u Giuseppa ahwa Muscat. Jghid li wara l-quddiesa, huma u nezlin it-tarag biswit l-Ghassa, f'daqqa wahda nnotaw ragel niezel minn maghhom, stenna isfel fit-tarag, tela' b'girja u hataf gizirana u hataf anke tal-ohra u baqa' sejjer l'hemm. Huma nhasdu u ghajtu ghall-ghajjut u kien dak il-hin li hargu xi nies fosthom Damien Ciappara u certa Amanda u wara xi diskors li sar bejniethom irrizulta illi Amanda rat karozza suspettuza li kienet ipparkjata quddiem hanut u li kienet innutat li kienet suspettuza minhabba l-fatt li m'hijiex tan-nahat t' hemmek kif ukoll ghax thalliet startjata u rat persuna diehla go fiha b' mod veloci u hadet in-*number plate* taghha li kienu EAU 336. Minn ricerka li saret sabu li l-vettura tghajjat lil Simon Camilleri li kien investigat fuq kazijiet simili u mid-deskrizzjoni moghtija mix-xhieda waslu ghall-konkluzjoni illi Simon Camilleri seta' kien il-persuna.

Inhareg mandat mill-Magistrat Peralta fejn flimkien mas-Surgent tieghu marru fuq il-post fit-Triq San Frangisk gewwa Bormla, fejn hemm sabu lil Simon Camilleri u tawh id-drittijiet tal-Avukat u nfurmah li se jigi arrestat fuq il-konnessjoni ta' dan l-*isnatch and grab* u tawh kopja tal-mandat u saret tfittxija fuq il-post. It-tfittixija kienet rigward is-serq ta' gizirajjen kif ukoll it-tip ta' hwejjeg li rrizulta fin-negattiv. Haduh l-ufficcju u nghata d-drittijiet tieghu illi kemm li ma jwegibx kif ukoll dak li se jwiegeb se jitressaq quddiem il-Qorti

bhala prova kif ukoll id-dritt tal-Avukat u gie mistoqsi serje ta' domandi. Ghall-bidu beda jikkopera izda x'hin mistoqsi fuq il-kaz specifiku kien vag hafna u baqa' qatt ma ammetta l-involviment tieghu.

Fis-seduta tat-22 ta' Marzu 2013 xehed l-Ufficcjal Prosekutur Gabriel Micallef u pprezenta disa' dokumenti li gew immarkati bhala Dok GM1 sa Dok GM 9 rispettivament konsistenti f'numru ta' dokumenti li l-Ispettur Gabriel Micallef ser jixhed dwarhom 'il quddiem.

L-**Ispettur Gabriel Micallef** xehed f'dik l-istess seduta fejn stqarr illi fit-tmintax (18) ta' Novembru 2012 gie nfurmat mis-Surgent 1300 Julian Dimech li kien qieghed l-Ghassa tal-Mellieha, li kienet ghadha kif sehhet serqa minn fuq zewgt ixjuh li kienu mexjin fit-triq u li kien hemm persuna maskili li kien hatfilhom gizirajjen minn ghonqhom. Minn din l-investigazzjoni li kienet saret kien irrizulta li kien hemm xi nies li kienu nnutaw persuna maskili liebes beritta, flokk abjad u jeans li kien miexi wara dawn iz-zewgt anzjani fi Triq il-Madonna tal-Ghar. Hatfilhom il-gizirajjen, telaq jigri u rikeb go karozza li kienet ipparkjata fit-tarf tat-triq. Amanda Tonna kienet innutat lil Simon Camilleri li qabel ma' rikeb fil-karozza kellu gakketta sewda fuqu, rikeb fil-karozza u telaq. Xi nies ohra li raw dan l-incident kienu Damien Ciappara li kien qieghed hemm fil-vicinanzi u kien sema' l-ghajjat u meta ttawawal kien ra liz-zewgt ixjuh li kienu ghadhom kif gew derubati. Kien hemm ukoll Francis Farrugia li huwa jmexxi negozju tieghu hemmhekk fl-istess triq fil-kantuniera fejn ghandu hanut hemmhekk u nzerta kien qieghed fit-tieqa u ra lil Simon Camilleri miexi wara zewgt ixjuh pero' ghalkemm ma kienx ra l-incident hemm isehh, kien innota lil Simon Camilleri miexi wara z-zewgt ixjuh.

Ix-xhud jghid li l-vettura li kienet giet indikata mix-xhieda li giet uzataha f'din serqa kienet tal-ghamla Volkswagen sewda bin-numru ta' registrazzjoni EAU 336 li wara ricerka li saret dwarha saru jafu li tghajjat lil Simon Camilleri. Saret tfittixha ghalih izda ma nstabx u wara gie rintraccat min-nies tieghu u kien tpogga taht arrest.

L-Ispettur ipprezenta l-istqarrija illi saret li giet immarkata bhala Dok GM1 li ttiehdet fl-20 ta' Novembru, 2012 fit-tlieta neqsin hamsa ta' wara nofsinhar u l-imputat rrifjuta li jiffirma l-istqarrija. Id-dokument tar-rifjut tieghu, hu l-istess dokument li rrifjuta li jiffirmah u dan gie mmarkat bhala Dok GM2. Gie esebit ukoll certifkat mill-estratt tal-att tat-twelid ta' Giuseppa Muscat immarkat bhala Dok GM 3 u l-estratt mill-att tat-twelid ta' Victoria Muscat immarkat bhala Dok GM 4. Giet esebita ukoll Sentenza fil-konfront ta' Simon Camilleri moghtija lilu mill- Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali fid-9 ta' Jannar 2010 mmarkata bhala Dok GM 5. Giet esebita wkoll sentenza fil-konfront ta' Simon Camilleri moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali fit-30 ta' Settembru 2009 mmarkata bhala Dok GM 6. Giet esbita Sentenza ohra fil-konfront ta' Simon Camilleri moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali fil-5 ta' Mejju 2012 immarkata bhala Dok GM 7. Ix-xhud esbixxa wkoll digriet tal-kundizzjonijiet tal-*bail* fil-konfront ta' Simon Camilleri moghtija lilu mill- Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali mmarkat bhala Dok GM8. Giet esebita ukoll Sentenza fil-konfront ta' Simon Camilleri moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali fit-2 ta' Awwissu 2007 mmarkata bhala Dok GM 9.

Xehed l-**Ispettur Fabian Fleri** fit-12 ta' April 2013, u gie muri fol 103 u 104 tal-process u spjega li dak huwa document u cioe' sentenza datata 5 ta' Mejju 2012, kumpilazzjoni numru 801 ta' l-1999, sentenza li nghatat fil-konfront ta' Simon Camilleri, ID 453166M li huwa gharaf fl-awla bhala l-istess bniedem akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Xehed **PS 94 Jack Farrugia** fit-12 ta' April 2013, u stqarr li saret serqa fit-18 ta' Novembru 2012 ghall-habta tad-disgha u ghoxrin ta' filghodu. Din is-serqa saret fuq zewg anzjani gewwa l-Mellieha. Ix-xhud kien infurmat illi l-vettura li ntuzat kienet Volkswagen Golf ta' kulur iswed u kienu anke nfurmati bin-number plate EAU 336, li kienet registrata fuq Simon Camilleri. L-ispettur kien kellem lil Magistrat tal-Ghassa, il-Magistrat Peralta li hareg il-Mandat ta' Arrest fil-konfront ta' Simon Camilleri datat 20 ta' Novembru 2012 ghal habta ta' 12.40p.m. Kien nizel ix-xhud flimkien ma' PC 327 u kienu arrestaw lil Simon Camilleri fejn inghata d-drittijiet tieghu, flimkien id-dritt tal-Avukat fejn kien irrinunzja ghal dan id-dritt.

Xehed **Jesmond Borg** fl-24 ta' April 2013 fejn muri is-sentenza fil-konfront ta' Simon Camilleri esebita fl-atti a fol 100 mmarkat bhala Dok GM 6 u kkonferma li din is-sentenza kienet tirrigwarda l-kaz li sehh fl-erbgha u ghoxrin t' Ottubru tas-sena 2003 fejn kien ressaq lil Simon Camilleri fuq dawk l-akkuzi msemmija f'dik is-sentenza li qieghda bejn fol 100 u fol 103. Hemm is-sentenza kienet inghatat mill- Qorti tal-Magistrati Malta bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali u nghatat fit-30 ta' Settembru 2009. Qal ukoll li Simon Camilleri huwa l-istess persuna li huwa kien ressaq u liema persuna li nghatat is-Sentenza kontra tieghu u dana gharfu fl-Awla.

Xehed l-**Ispettur Carlos Cordina** fl-24 ta' April 2013 fejnipprezenta hames ritratti kollha bil-kulur ta' vettura EAU 336 tal-ghamla Volkswagen bid-daqqa li tidher sew fir-ritratti. Din il-vettura li kienet imsemmija minn wahda mix-xhieda okulari certa Amanda u r-ritratti ttiehdu fit-22 ta' Novembru 2012 mill-Pulizija 910 Sean Pace u dan id-dokument gie mmarkat bhala Dok CDI 1.

Illi l-imputat **Simon Camilleri** kien irrilaxxja stqarrija nhar l-20 ta’ Novembru 2012 (Dok GM 1 a fol. 88 tal-process) u spjega illi verament kellu xi kawzi pendenti il-Qorti pero’ dwar l-investigazzjoni li l-pulizija li kienet taghmel in rigward ta’ din il-kawza u cioe’ is-snatch and grab ta’ zewg gizirajjen tad-deheb l-imputat ghazel li ma jwiegeb l-ebda domanda kif del resto kellu kull dritt jaghmel.

Xehed l-imputat **Simon Camilleri** fit-12 ta' Gunju 2013 fejn qal li ma kienx hu l-persuna li ghamel dik is-serqa. Qal illi ma jiftakarx fejn kien fit-18 ta' Novembru 2012 ghal habta tad-disgha ta' filghodu. Ix-xhud iddikjara li kien joqghod f'Bormla u l-Mellieha ma hix fi triqtu. Qal ukoll li s-soltu huwa fin-nofs ta' nhar ta' filghodu jkun id-dar. Meta gie arrestat huwa kien f' Bormla u qal li ma kienx infurmat ghalfejn kien qieghed jigi arrestat. Dakinhar fit-18 ta' Novembru huwa ma kienx il-Mellieha imma kien Bormla jigri. Ikkonferma illi x-xjuh ma gharfuhx fl-awla meta kienu mitluba biex jindikawh fl-awla. Il-Pulizija marru jaghmlu tfittxija fir-residenza tieghu u fittxew. Mistoqsi jekk jiftakarx dakinhar li marru l-Pulizija biex jarrestawh wiegeb li ma jiftakarx. Qal ukoll li tawh karta izda ma kienx jaf x'fiha ghax ma jafx jaqra. Ikkonferma li ghandu Volkswagen sewda bin-number plate EAU 336 u li ghandha daqqa fuq quddiem.

Mistoqsi jekk kienx il-Mellieha bil-karozza ghall-ewwel wiegeb li le, pero' aktar tard qal li iva hu kien bil-karozza. Mistoqsi ghal liema raguni tela' l-Mellieha huwa wiegeb illi mar hemm hekk biex jiltaqa' ma' mara fejn dam maghha xi siegha, siegha u kwart jew siegha u nofs. Huwa kien miftiehem maghha f'nofsinhar u mar id-dar taghha izda pero' ma jiftakarx fejn hi ghax kienet l-ewwel darba li mar u biex wasal ghandha saq warajha u li l-karozza taghha kienet Volkswagen li l-kulur taghha jaghti fl-ahdar. Mistoqsija rigward dawk in-nies li rawh huwa wiegeb li ma jafx min huma. Qal li huwa mar tlett sieghat qabel u qaghad idur. Mistoqsi kemm kien ilu jafha wiegeb gimgha. Huwa kien iltaqa' maghha l-Imsida u kien jisimha Miriam, kunjomha ma kienx jafu, mizzewga, ghandha xi 35 sena, tizbogh xagharha isfar u ghandha ghajnejha suwed.

**Ikkunsidrat:**

Illi f’din il-kawza l-Prosekuzzjoni qed takkuza lill-imputat li nhar it-18 ta’ Novembru 2012 ghal habta tad-9.00 a.m. huwa ikkommeta reat ta’ serq aggravat bil-vjolenza, mezz u valur billi seraq gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta’ Vittoria Muscat u ohra minn fuq il-persuna ta’ Giuseppa Muscat. Jidher u dwar dan ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni li d-derubati u cioe’ Vittoria u Giuseppa Muscat huma anzjani u filwaqt li Vittoria kellha disgha u sebghin sena fil-jum ta’ dan l-incident ghaliex twieldet fid-9 ta’ Settembru 1933 (fol. 93) ohtha Giuseppa kellha wiehed u tmenin sena fil-jum ta’ dan l-incident ghaliex twieledet fl-24 ta’ Lulju 1930 (fol. 92).

Illi l-Prosekuzzjoni resqet lil Francis Farrugia u dan stqarr li kien ra zewg anzjani nisa mixjin u maghhom kien hemm ragel li ma setghax jgharaf li kien niezel ma’ genbhom liebes beritta sa nofs mohhu. Damian Ciappara jghid li sema xewgt ixjuh jaghjtu li xi hadd kien ghadu kemm seraqhom u ghalhekk tela’ jigri lejn il-pjazza u hemmhekk sab lil Amanda Tonna u din qalet li kien hemm ragel li kien ghadu kif dahal go vettura tal-ghamla Golf  kulur iswed u telaq ‘l hemm. Tghid li hadet in-numru ta’ registrazzjoni tal-vettura li kien EAU 336 u din kellha daqqa fuq in-naha tax-xellug fejn il-fanal ta' quddiem. Ikkonfermat li ma kienitx vettura li s-soltu tkun f'dawk l-inhawi. Hija gharfet lill-imputat bhala l-malvivent bhala ir-ragel li kien fuq il-bank ta’ quddiem wahdu. Mistoqsija jekk taghrafx lil dik il-persuna, indikat lill-imputat fl-awla. Mistoqsija x'rat dan ir-ragel jaghmel wiegbet illi ratu biss diehel gol-karozza, xejn aktar. Meta dan Damian Ciappara staqsiha jekk kienitx rat ir-ragel li kien nizel mit-tarag qalet li kienet ratu u kien dan ir-ragel li dahal fil-vettura Golf numru ta’ registrazzjoni EAU 336.

Stephen Cachia li xehed ghan-nom ta’ Transport Malta kkonferma li l-vettura in desamina u cioe’ l-Golf ta’ kulur iswed tghajjat lil Simon Camilleri l-imputat odjern u kienet ilha registrata fuq ismu sa mit-18 ta’ Settembru 2012.

Victoria Muscat xehdet u spjegat kif effettivament kienet insterqitilha l-gizirana tad-deheb li kellha bis-salib. Tghid li kienet ma’ ohtha niezla xi tarag meta fil-hin mar fuqha ragel u gibdilha l-gizirana u wara ha ta’ ohtha Giuseppa li kienet ma’ genbha. Tghid li kienet xtrat il-gizirana xi tmien snin qabel ghal prezz ta’ mija u hamsin lira Maltin (Lm150). Spjegat li wiccu ma kienx mghotti u kien liebes xi haga bajda. Mistoqsija taghrafx lil xi hadd fl-awla bhala l-malvivent indikat ragel fost l-udjenza tal-Qorti. Giuseppa Muscat

tikkonferma wkoll illi l-istess ragel li seraq il-gizirana ta' ohtha Victoria seraq il-gizirana taghha wkoll tad-deheb solid bis-salib u dan meta kienet ftit passi 'il quddiem minn ohtha. Tghid li kienet xtrathom xi tnax jew erbatax-il sena qabel u kienet xtratha bil-prezz ta' fuq tlett mitt lira Maltin (Lm300).

Illi abbazi ta' din l-informazzjoni l-ufficcjal investigattiv Carlos Cordina ghamel tfittxija ghal Simon Camilleri u hadu l-ghassa u kkonferma li effettivament kellu vettura tal-Ghamla Golf u li kellha daqqa fuq quddiem kif kienet spjegat ix-xhud Amanda Ciappara.

L-imputat li ma kienx obbligat li jixhed ghazel li jixhed u jispjega l-fatti tal-kaz kif maghrufa minnu. Jghid li dakinhar tal-incident vera kien il-Mellieha bil-karozza tieghu tal-ghamla Golf numru ta' registrazzjoni EAU 336 u jghid li kien ghamel xi zmien idur hemmhekk ghaliex kien qed jistenna mara li kien iltaqa' maghha gimgha qabel. Mistoqsi x'ghamel jghid li kien mar ghandha. Spjega li din il-mara jisimha Miriam ghandha 35 sena u li tizboh xaghra pero' ma kien jaf xejn aktar dwarha. Mistoqsi jekk kienx seraq il-gizirajjen iwiegeb fin-negattiv u mistoqsi jispjega fejn toqghod din Miriam jghid li ma jafx ghaliex dik kienet l-unika darba li mar ghandha. L-imputat pero' ma ressaqx lil din Miriam sabiex tikkolobora x-xhieda tieghu u strah biss fuq il-provi prodotti.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

M'hemmx dubju li din il-kawza tiddependi fuq il-kredibilita' tax-xhieda li semghet il-Qorti u dan wara li ghamlet apprezzament taghhom ai termini tal-**Artikolu 637** tal-Kap 9. Ghalhekk bhala gudikant il-Qorti sejra taghti qies tal-

imgieba, kondotta, karattru tax-xhieda, tal-fatt jekk ix-xhieda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, ta' fattizzi ohra tax-xhieda taghhom, jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra w tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Din il-Qorti ma kienitx f'posizzjoni vantaggjata ghal hdejn Qrati ohra meta giet biex taghmel apprezzament tax-xhieda, u dan ghaliex hija ma ghexietx il-process tul medda ta' zmien, ma semghetx hi x-xhieda kollha jixhdu *viva voce* quddiemha, u ghalhekk ma setghetx tezamina l-imgieba u l-komportament taghhom, stante li ma kienitx hija stess li kkonstatathom kollha, u ghalhekk ma tistax tghid x'interess seta’ kellu kull xhud f'dak li xehed u jekk dak li qal kellux mis-sewwa jew le. Pero’ zgur li kienet f’posizzjoni xortjata meta semghet lill-imputat jixhed viva voce quddiemha u dan qed jinghad ghaliex wara kollox, kollox jiddependi fuq il-kredibilita’ tax-xhieda nkluz l-imputat u dan hu proprju l-ezercizzju li ser taghmel din il-Qorti.

Il-Qorti ezaminat bir-reqqa kollha l-provi kollha migbura w thoss li l-alternattivi huma tnejn; jew li l-imputat qed jghid il-verita’ jew ma huwiex. Pero’ fic-cirkostanzi kif inhuma, u kif jirrizultaw fil-process, biex din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-imputat m’huwiex hati tad-delitti mputati lilu, trid ukoll tasal ghal konkluzjoni li kien hemm fil-kaz u fil-konfront tieghu, speci ta' kongura minn persuni - biex jaddebitawlu delitti li ma kkommettiex.

Ir-rizultat huwa li fi proceduri penali l-*onus* ta' prova tistrieh fuq il-Prosekuzzjoni matul il-kumpilazzjoni kollha, bhala regola generali u hija l-eccezzjoni li d-difiza trid tipprova xi haga, bhal per ezempju d-difiza tal-insanita’.

Hija principju fundamentali fi proceduri penali li persuna akkuzata hija prezunta nnocenti sakemm ippruvata hatja, u dan ai termini tal-Artikolu 40 Subinciz 5 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li jiddisponi s-segwenti:

*"every person who is charged with a criminal offence shall be presumed to be innocent until he is proved or has pleaded guilty..."*

Dan il-principju gie wkoll sanat fis-sentenza moghtija minn **Sir Augustus Bartolo** fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Michele Borg et'** (deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Mejju, 1936) fejn intqal:-

*"illi skond il-principju u s-sistema tal-ligi u procedura penali taghna imfassla fuq dak ta' l-Ingilterra u li huma strettament d'ordine pubblico; 'the accused is presumed innocent until proved guilty.' "*

U issa ghalhekk wiehed jistaqsi xi tfisser verament presunzjoni tal-innocenza? Din tfisser li l-akkuzat ma jrid jipprova xejn dwar l-innocenza tieghu - hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu. Ghalhekk peress li hija l-Prosekuzzjoni li allegat il-htija tal-imputat, l-*onus* generali tal-prova, u cioe' tal-prova tal-htija, tistrieh fuq il-prosekuzzjoni, li ghandha ghalhekk tipprova kull element tar-reat partikolari sabiex tasal ghal din l-istess konkluzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi

kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija, u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill-Qorti li l-akkuzi addebitati lill-imputat, huma veri u dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu ***Diritto Penale*** – vol. III, Kap. IV, pg. 236, Ediz. 12 - 1890:

*"il cosi detto onero della prova, cioe il carico di fornire, spetta ai chi accusa onus probandi incumbit qui asserit."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Peter Ebejer'** deciza fil-5 ta' Dicembru, 1997, fejn il-Qorti tenniet li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor dak li l-gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, w b'applikazzjoni tal-buon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. In fatti **Lord Denning** fil-kaz **Miller v Minister of Pensions** [1974] 2 All ER 372, jaghti bhala spjegazzjoni ghall-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*" is-segwenti:

"*Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to detect the course of justice. If the evidence is so strong against*

*a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt but nothing short of that will suffice.*"

Il-Qorti hawnhekk taghti spjegazzjoni tat-tifsira wzata komunement u cioe' li l-Prosekuzzjoni trid tipprova l-kaz taghha *beyond a reasonable doubt*, li tipprova kaz dettat bla dubju dettat mir-raguni, li tfisser li l-grad ta' buon sens jew ghaqal li jwassal gudikant sabiex jaqbel mat-tezi taghha u cioe' tal-Prosekuzzjoni.

L-obbligu li tipprova l-htija tal-akkuzat irid ikun assolut, oltre kull dubju dettat mir-raguni u f'kaz li jkun hemm xi dubju ragjonevoli, il-Prosekuzzjoni tigi kunsidrata li ma ppruvatx il-kaz taghha ta' htija u ghalhekk il-Qorti hija obbligata li tillibera.

Hija dejjem <u>il-Prosekuzzjoni</u> li trid tipprova l-elementi <u>kollha</u> tar-reat u dan permezz ta' provi diretti jew indizzjarji u sal-grad tal-konvinciment morali tal-gudikant [vide **<u>Il-Pulizija vs Paul Farrugia</u>** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-tlieta ta' Marzu 2000].

Kwantu ghal provi indizzjarji li gia saret referenza ghalihom, din il-Qorti tfakkar f'dak li nghad minn **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet **<u>Teper vs The Queen</u>** [1952] AC 480, 489 fejn intqal:

*"It is __also__ necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there are __no other co-existing circumstances which would weaken or destroy the inference__."* [vide __**Il-Pulizija v Dawood Sayed Dawood Abdel El Kaader**__ moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Gunju, 1998.]

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-disgha ta' Jannar 1998 fl-ismijiet __**Il-Pulizija v Emanuel Seisun**__ fejn gie dikjarat li "*huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji huma hafna drabi aktar importanti mill-provi diretti, izda hu veru wkoll li l-provi indizzjari jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci*".

**Archbold** fil-ktieb tieghu ***C*riminal Practice** [1997 Edition para 10 - 3] b'referenza ghal dak li qal **Lord Normand** fil-kawza fl-ismijiet __**Teper vs The Queen**__ **[1952]** jghid:

*"Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil Cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter, for in criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury are permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only, because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another… It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure that there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference."*

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Gunju, 1998 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Joseph Lee Borg'**, fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe' mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lill-akkuzat mar-reat u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu l-hati u l-provi li jigu mressqa, ikunu kompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sitta ta' Mejju, 1961 fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v Carmelo Busuttil'**,

"*Il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Din il-Qorti thoss u tghid li bhal ma ntqal fis-sentenza fil-kawza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v David Gatt'** deciza fis-sbatax ta' Gunju, 1998 dwar prova cirkostanzjali li:

"*Provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jorbtu ma' xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.*"

Illi fid-dawl tas-suespost, ghalhekk din il-Qorti trid tezamina bir-reqqa kollha l-provi cirkostanzjali mressqa mill-Prosekuzzjoni bil-ghan sabiex tistabilixxi jekk humiex diretti fl-istess direzzjoni u cioe' jekk iwasslux ghal htija tal-imputat. Illi huwa minnu li l-vittmi ma gharfux lill-imputat odjern pero' mic-cirkostanzi tal-kaz l-imputat gie identifkat minn persuna ohra.

Issa fil-kaz in desamina il-Prosekuzzjoni pprovat li dakinhar tas-serqa aggravata l-imputat kien bla dubju ta' xejn fuq il-post u dan kif konfermat minn Amanda Ciappara. M'hemmx dubju li tant kien hemm fil-hin tas-serqa li Amanda Ciappara hadet in-numru tal-vettura tieghu l-ghamla u kulur u ghaddiethom lill-pulizija. Dan ma kienx bizzejjed izda qalet lill-pulizija wkoll li din il-vettura kellha daqqa fuq quddiem kif del resto jirrizulta mir-ritratti esebiti fl-atti. Jinghad li dak il-hin li l-anzjani gew derubati fit-triq maghhom ma kien hemm hadd salv l-imputat li gharfet l-istess Amanda Ciappara.

Illi ghalhekk din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li kien l-imputat odjern li kkometa z-zewg serqiet li huwa akkuzat bihom. Dwar il-valur taghhom il-Prosekuzzjoni pprovat li effettivament dawn kienu tad-deheb u li nxtraw ghal prezz ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) komplessivament liema somma komplessiva ma gietx kontestata mid-difiza u ghalhekk l-aggravju tal-valur jirrizulta provat. Dwar l-aggravju tal-vjolenza jirrizulta li l-anzjani kellhom disgha u sebghin u wiehed u tmenin sena fil-jum tas-serqa u ghalhekk tali aggravju jirrizulta wkoll. L-imputat huwa kkuzat ukoll bl-aggravju tal-mezz u cioe' talli ghatta wiccu b'xort ohra. Jirrizulta mix-xhieda tal-vittmi li l-agressur taghhom kien liebes beritta sa nofs wiccu u kien liebes nuccali ghalhekk zgur li b'hekk gie li ghatta wiccu u ma kienx facilment identifikabbli u ghalhekk dan l-aggravju jirrizulta pruvat ukoll. Ghalhekk dwar l-akkuzi ta' serq aggravat dawn huma provati b'mod sodisfacenti.

Dwar it-tielet akkuza u cioe' dik li bl-imgieba tieghu ikkaguna lill-vittmi anzjani biza li ser tintuza vjolenza kontra taghhom meta kien jaf jew messu kien jaf li dik l-imgieba ser tikkaguna biza bizzejjed jinghad li l-anzjani u Giuseppa tghid

li bil-kemm tiflah timxi u Vittoria bdiet tghajjat appena giet aggredita. Dan huwa ndikattiv li effettivament kienu bezghu. M'hemmx dubju li agir bhal dan u cioe' li l-anzjani li gew aggrediti minn ragel mhux maghruf minnhom misruqa minn fuq il-persuna taghhom huwa agir li jbezzaghhom. Din l-akkuza ghalhekk hija wkoll ippruvata.

Ir-raba' akkuza u cioe' li assocja ruhu ma' persuna jew persuni f'Malta bil-ghan li jaghmel delitt f'Malta din ma tirrizultax provata u lanqas remotament u dan ghaliex ix-xhieda kollha qalu li l-malvivent kien wiehed.

Dwar il-hames akkuza din ukoll ma tirrizultax stante li m'hemmx dubju li nghatat b'mod alternattiv ghall-ewwel zewg akkuzi u l-Qorti gja sabitu hati taghhom u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' din l-istess akkuza.

Dwar l-akkuza tar-recidiva bizzejjed issir referenza ghas-sentenzi esebiti f'dwan l-atti mmarkati bhal Dok. GM 5 sa GM7 u minn ezami tal-istess jirrizulta li l-partikolaritajiet tal-imputat odjern huma l-istess partikolaritajiet li jidhru fuq l-akkuzi moghtija fil-konfront tal-imputat u ghalhekk stante li l-imputat diga' nstab hati fuq akkuzi ta' pussess ta' droga, serq, theddid, hsara volontarja u attakk u resistenza fuq ufficcjali pubblici fost ohrajn din il-Qorti qed issibu hati wkoll talli huwa recidiv.

Dwar il-piena ma hemmx wisq x'jinghad salv li l-imputat ghandu kondotta reflettarja hafna u diga' nghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati sabiex jirriforma ruhu pero' cio nonostante baqa' ghaddej f'din il-hajja ta' kriminalita' tant li llum qed jinstab hati fuq akkuzi ta' serq aggravat bil-mezz,

valur u vjolenza. Illi din il-Qorti trid tibghat messagg lis-socjeta’ li dawn il-qrati qeghdin hemm ukoll sabiex jipprotegu l-anzjani li jkunu qeghdin jimxu ghall-affarijiet taghhom fit-triq u jigu aggrediti ingustament minn persuna u hu appuntu ghalhekk li din il-Qorti sejra timponi piena ta’ prigunerija effettiva.

**Illi ghalhekk il-Qorti wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe’ l-Artikoli 17, 31, 48A, 49, 50, 251B, 261(a), (b) u (c), 262 (1)(a), 263(b), 267, 276, 276A, 277, 278, 279(a), 280, 289, 334(a), 533, 579(2) u (3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qieghda tiddikjara li qed issib lill-imputat SIMON CAMILLERI hati ta’ l-ewwel tliet akkuzi u talli huwa recidiv u tikkundannah erba’ (4) snin prigunerija effettivi u mhux hati tar-raba’ akkuza u tilliberah minnha u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-hames akkuza stante li din inghatat b’mod alternattiv ghall-ewwel zewg akkuzi.**

**Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex din il-Qorti tirrevoka d-digriet tal-liberta’ provizorja moghti lill-imputat il-Qorti hija tal-fehma li l-Prosekuzzjoni ma pprovatx din l-akkuza sal-grad rikjest mil-ligi u dan ghaliex ipprezentat biss kopja legali tad-digriet li nghata mill-allura Magistrat Michael Mallia nhar is-17 ta’ Marzu 2009 fol. 105, Dok. GM8 pero’ ma resqet l-ebda prova sabiex tipprova li l-kaz in desamina fejn l-imputat nghata l-liberta’ provizorja ghadu ghaddej u cioe’ ghadu sub judice u li ma’ tali digriet ma giex revokat f’xi stadju ulterjuri u ghalhekk qed issibu mhux hati ta’ tali akkuza.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------